# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 608/2020 MH**

**Illum, 2 ta' Lulju, 2021**

**Supreme Travel Limited (C16048)**

**vs**

**Malta TravelNet Services Limited (C22306)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti tat-22 ta' Lulju, 2020** permezz ta' liema ppremettew:

Tesponi bir-rispett u Nazzareno Abela (ID341161M) in rapprezentanza tal-kumpannija rikorrenti bil-gurament tieghu jikkonferma li huwa jaf bil-fatti hawn taht esposti personalment;

1. Illi l-kumpannija rikorrenti tiggestixxi negozju ta' trasport bl-art u kif ukoll bil-bahar, liema attivitajiet jinkludi sightseeing tours bl-"open top buses", giti

turistici bil-"coaches" u kif ukoll servizzi ta' giti turistici fil-bahar bil-lanec tal-kumpannija rikorrenti;

2. Illi l-kumpannija rikorrenti ukoll ghandha fil-pussess taghha diversi stabbilimenti zghar li minnhom isir kemm bejgh ta' biljetti ghas-servizzi fuq imsemmija u kif ukoll xi prodotti jew servizzi ohra;

3. Illi l-kumpannija intimata tixtri diversi servizzi minghand il-kumpannija rikorrenti u dana stante li l-kumpannija intimata topera fis-settur turistiku;

4. Illi l-kumpannija intimata ukoll ghandha f'idejha t-mexxija ossija *management* tal-fond maghruf bhala "Smartline" fi Triq San Gorg, San Giljan, u in konnessjoni ma' liema l-kumpannija intimata ghandha thallas lill-kumpannija rikorrenti *management fee* u dana oltre r-rifuzjoni tal-ammonti imhallsa ghall-konsum tad-dawl u tal-ilma fl-istess fond;

5. Illi l-kumpannija intimata tinsab debitrici lejn il-kumpannija rikorrenti fis-somma ta' €34,674.98 (erba u tletin elf sitt mija u erba u sebghin Ewro u tmienja u disghin centezmu) rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi mill-kumpannija rikorrenti lill-kumpannija intimata jew fuq ordni taghha u kif ukoll rapprezentanti l-*management fee* dovuta in konnessjoni mal-fond "Smarttline" fi Triq San Gorg, San Giljan oltre ammonti dovuti ghall-konsum ta' dawl u ilma fl-istess fond.

6. Illi, l-kumpannija intimata nonstante li gie interpellat sabiex thallas dan id-debitu baqghet inadempjenti;

7. Illi dana d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-kumpannija rikorrenti l-kumpannija intimata ma ghandhu ebda eccezzjoni xi jressaq ghall-hlas ta' dan id-debitu;

Ghaldaqstant tghid l-kumpannija intimata ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandiex:

1. tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. tikkundanna lill-kumpannija intimata thallas lill-kumpannija rikorrenti s-somma ta' €34,674.98 (erba u tletin elf sitt mija u erba u sebghin Ewro u tmienja u disghin centezmu) rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi mill-kumpannija rikorrenti lill-kumpannija intimata jew fuq ordni taghha u kif ukoll rapprezentanti l-*management fee* dovuta in konnessjoni mal-fond "Smarttline" fi Triq San Gorg, San Giljan oltre ammonti dovuti ghall-konsum ta' dawl u ilma fl-istess fond., bl-imghaxijiet ulterjuri skond l-ghola rata permessibbli mill-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjes, inkluzi tal-Mandat ta' Sekwestru u tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju prezentati kontestwalment, kontra l-kumpannija intimata li hija minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ġie propost illi ;

Rat illi s-soċjeta' konvenuta ġiet debitament notifikata tant li deher Amor Ben Tanfous għaliha .

Rat illi ġiet preżentata nota ta' l-istess soċjeta (seduta stante) biex l-istess konvenuta tiġi awtorizzata tikkontesta l-giljottina b'hekk il-proċeduri odjerni ma jsegwux is-smiegħ ai terminu ta' l-Artikolu 167 et seg tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-kontro parti notifikata bl-istess nota talbet illi in visto ma l-ewwel linja difensiva tapplika fl-istess li ttella bħala xhud lil istess Tanfous jixhed.

Bil-ġurament tiegħu l-istess Tanfous stqarr li iva is-somma ndikata fir-rikors ġuramentat dovuta pero mhux unikament mis-soċejta konvenuta, wkoll minn Smartline li pero ma kienitx soċjeta reġistrata imma isem tan-negozzju li taħtu kien fin-negozju hu.

Fuq tali informazzjoni l-attriċi talbet il-kjamat in kawża ta' l-istess Tanfous bħala eżerċitanti fil-kummerċ ukoll li l-istess Tanfous jagħti ruħu b'notifikat seduta stante.

Din it-talba ġiet milqugħa in toto .

Il-Qorti fuq l-ammissjoni ta' l-istess konvenuti kif ingħad sopra u wara li allokat żmien biex l-istess konvenut jikkonsultaw l-avukat tagħhom qiegħda tilqa t-talbiet kollha tas-soċjeta' attriċi b'dana illi tordna l-proċediment ta' dawn il-proċeduri ai terminu ta' l-Artikolu 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u konsegwent tikkundanna lill-Kumpanija intimata u Amor Bon Tanfous eżerċitanti l-kummerċ bl-isem Smartline li solidament bejniethom jħallsu s-somma ta' €34,674.98 (erbgħa u tletin elf, sitt mija u erbgħa u sebgħin Euro, u tmienja u disgħin ċentiżmu) rappresentanti prezz ta' servizzi reżi mill-kumpanija rikorrenti lil intimati konvenuti jew fuq ordni tagħhom, kif ukoll rappresentati l-management fee dovuta in konnesjoni mal-fond "Smartline" fi Triq San Ġorġ, San Ġiljan oltre ammont dovut għall-konsum ta' dawl u ilma fl-istess fond, bl-imgħaxxijiet ulterjuri ai termini tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż inkluż tal-Mandat ta' Sekwestru u l-Mandat ta' qbid volontarju.

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.** **Victor Deguara**

**Imħallef** **Dep. Reġ.**